II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/408

tat-17 ta' Marzu 2020

li temenda d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l–Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/798/PESK [1] dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana.

(2) Fil-31 ta' Jannar 2020, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 2507 (2020), li testendi l-eżenzjonijiet għall-embargo fuq l-armi.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/798/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt (g) tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 2013/798/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' armi b'kalibru ta' 14,5 mm jew anqas u munizzjon u komponenti mfassla speċjalment għal tali armi, u ta' vetturi militari tal-art mhux armati u vetturi militari tal-art mmuntati b'armi b'kalibru ta' 14,5 mm jew inqas, lill-forzi tas-sigurtà tar-RĊA, inkluż l-istituzzjonijiet statali tal-infurzar tal-liġi ċivili, meta tali armi, munizzjon, komponenti u vetturi jkunu intenzjonati biss għall-appoġġ tal-proċess tar-RĊA għar-RSS jew għal użu fih, kif innotifikat minn qabel lill-Kumitat;".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-17 ta' Marzu 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
A. METELKO-ZGOMBIĆ

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/798/PESK tat-23 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 51).